



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10777/24

SOC 429
EMPL 247
MI 579
COMPET 621
ECOFIN 647
EDUC 200
SAN 323
ELARG 78

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Id-dimensjoni soċjali tas-suq intern - <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett ta' hawn fuq bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill EPSCO tal-20 ta' Ġunju 2024.

Id-dimensjoni soċjali tas-suq intern

Dibattitu ta' orjentazzjoni dwar ir-rwol tas-suq tax-xogħol u l-politiki soċjali fil-ħolqien ta' Suq Uniku sostenibbli għal kulħadd

F'April, fuq stedina minn Spanja, il-Belġju u l-Kummissjoni Ewropea wara s-sejħa mill-Kunsill Ewropew¹, l-eks Prim Ministru Taljan Enrico Letta ppreżenta r-rapport tiegħu "Much more than a Market - Speed, Security, Solidarity - Empowering the Single Market to deliver a sustainable future and prosperity for all EU Citizens" (Aktar minn Suq - Rapidità, Sigurtà, Solidarjetà - Nagħtu lis-Suq Uniku l-mezzi biex joħloq futur sostenibbli u prosperità għaċ-Ċittadini kollha tal-UE)² lill-Kunsill Ewropew. Il-Presidenzi attwali u futuri tal-Kunsill imbagħad ġew mistiedna jmexxu 'l quddiem il-ħidma fuq ir-rakkomandazzjonijiet f'dak ir-rapport sa tmiem is-sena³.

Ir-rapport għandu l-għan li jġedded is-Suq Uniku, filwaqt li jqis l-evoluzzjonijiet minn meta nħoloq u l-isfidi li qed iħabbat wiċċu magħhom: "Illum, aktar minn tletin sena wara l-bidu tiegħu, is-Suq Uniku għadu pedament tal-integrazzjoni u l-valuri Ewropej, u jservi bħala katalist qawwi għat-tkabbir, il-prosperità u s-solidarjetà. Madankollu, ix-xenarju internazzjonali nbidel ferm, u dan jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żviluppat Suq Uniku ġdid." Ir-rapport jitlob biex minnufih tingħata spinta lis-Suq Uniku biex jaġġorna ruħu għall-kuntest attwali u jħejji għall-futur.

¹ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-7-2023-INIT/mt/pdf>.

² <https://www.consilium.europa.eu/media/ny3j24sm/much-more-than-a-market-report-by-enrico-letta.pdf>.

³ <https://www.consilium.europa.eu/media/m5jlwe0p/euco-conclusions-20240417-18-mt.pdf>.

Interkonnessjonijiet ta' politika

Suq Uniku msaħħa bħal dan huwa essenzjali, skont ir-rapport, biex iġib it-tranżizzjoni għusta, ekoloġika u diġitali li l-UE teħtieġ u li ser tappoġġa l-bażi ekonomika u soċjali tagħha: "L-appoġġ strutturali għat-tranżizzjoni huwa objettiv fundamentali fi ħdan il-qafas strateġiku tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, id-diskussjonijiet ma jridux jikkonċentraw biss fuq l-ispejjeż assoċjati ma' din it-tranżizzjoni. Huwa kruċjali li jiġu rikonoxxuti l-benefiċċji estensivi li din it-tranżizzjoni toffri liċ-ċittadini, lin-negozji u lill-ħaddiema wkoll. L-investiment f'din it-tranżizzjoni u l-finanzjament tagħha mhumix biss deċiżjoni finanzjarja; huma x'aktarx l-aktar għażla strateġika li l-UE tista' tagħmel biex tiżgura vantaġġ kompetittiv konsiderevoli fix-xenarju dinji, filwaqt li tippreserva u tiżviluppa l-istandards soċjali li l-Ewropa kburiya li tgawdi." Dan hu tassew konformi mad-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe dwar il-Futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali⁴, li tenfasizza l-ħidma għal Ewropa soċjali "bl-għan li noħolqu progress soċjali u ekonomiku, jiġu żgurati opportunitajiet indaqs għal kulħadd, impjiegi ta' kwalità u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, innaqqsu l-faqar u l-inugwaljanzi u nrawmu tranżizzjoni għusta u ekwa għan-newtralità klimatika".

Ir-rapport, li għandu jitqies ukoll fil-kuntest tar-rapport li ġej ta' Mario Draghi dwar il-futur tal-kompetittività tal-UE, jirreferi għall-mudell uniku tal-ekonomija soċjali tas-suq tal-UE u jissottolinja l-interkonnessjonijiet bejn il-politiki ekonomiċi u soċjali: "Dimensjoni soċjali qawwija fis-Suq Uniku tal-UE tippromwovi prosperità inklużiva, billi tiżgura opportunitajiet ġusti, drittijiet tal-ħaddiema u protezzjoni soċjali għal kulħadd, filwaqt li tikkontribwixxi għat-tkabbir u l-kompetittività. Issaħħa l-impenn tal-Unjoni Ewropea lejn is-solidarjetà, filwaqt li tnaqqas l-inugwaljanzi u tippromwovi l-ġid taċ-ċittadini kollha, skont il-valuri tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali għal Unjoni koeżiva, bin-nies fil-qalba tagħha." Din hija l-istess interkonnessjoni enfasizzata fil-konklużjonijiet proposti dwar ir-rwol tas-suq tax-xogħol, il-ħiliet u r-riformi u l-investimenti soċjali għal ekonomiji reżiljenti, li l-Kunsill huwa mistieden japprova u li jissottolinjaw li l-benesseri taċ-ċittadini u t-tkabbir ekonomiku jsaħħu lil xulxin.

⁴ <https://belgian-presidency.consilium.europa.eu/media/bj0adazv/declaration-finale.pdf>.

Rakkomandazzjonijiet

Ir-rapport isib li sabiex issaħħaħ is-Suq Uniku, l-UE jeħtieġ li tiżgura finanzjament għall-isfidi li ġejjin, bħat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u awtonomija strateġika b'saħħitha, inkluż difiża msaħħa. F'dan ir-rigward, iressaq għadd ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi, inkluż l-istabbiliment tal-"ħames libertà" biex jissaħħu r-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet, it-twettiq ta' Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investment (verżjoni ġdida tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali) biex jinżamm it-tfaddil privat Ewropew u jinġibdu riżorsi addizzjonali minn barra, qafas ta' governanza rivedut għall-ġhajnuna mill-Istat, miżuri biex tiġi indirizzata l-frammentazzjoni tat-taxxa, u użu aktar strateġiku tal-akkwist pubbliku.

Ir-rapport jissottolinja wkoll l-importanza partikolari tal-SMEs għas-Suq Uniku, u jipproponi Kodiċi tal-Liġi tan-Negozju tal-UE, li jipprovdi lin-negozji bit-28 reġim biex joperaw fis-Suq Uniku u li jinkludi kodifikazzjoni sistematika tal-qafas legali eżistenti tal-UE kkomplementat minn għodod Ewropej ġodda. Reġim bħal dan ikun jinkludi wkoll elementi tal-liġi dwar l-impjiegi. Ir-rapport jappella wkoll għall-eliminazzjoni ta' ostakli għall-forniment transfruntier temporanju ta' servizzi.

Ir-rapport ta' Letta jinkludi ħafna proposti fil-qasam tas-suq tax-xogħol u dak soċjali. Jagħti prijorità ċentrali lil-"libertà li persuna tibqa", li tikkomplementa l-"libertà ta' moviment": "Il-libertà ta' moviment hija vantaġġ prezzjuż, iżda għandha tkun għażla, mhux neċessità." Dan jitlob politiki li jittrattaw l-iżbilanċi reġjonali, fost l-oħrajn billi jipprevedu politika b'saħħitha ta' koeżjoni tal-UE u strumenti ta' finanzjament u ġhajnuna teknika oħra lir-reġjuni li qed jistaġnaw, sejrjn lura u/jew qed isofru minn eżodu ta' mħuħ jew depopolazzjoni. Barra minn hekk, ir-rapport jappella għal mekkaniżmi ta' appoġġ għaċ-ċittadini tal-UE li jirritornaw lejn pajjiżhom wara li jaħdmu barra u jressaq proposta biex jiġi introdott reġim speċjali tal-UE għal ħaddiema transfruntiera diġitali.

B'rabta ma' dan, ir-rapport jinnota li "problema importanti hija l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, li tipperikola l-libertà ta' li persuna tibqa' wkoll f'żoni riċeventi, mhux biss fiż-żoni li jiffaċċjaw depopolazzjoni. Ħafna bliet u reġjuni madwar l-UE qed iħabbtu wiċċhom ma' nuqqas qawwi ta' akkomodazzjoni affordabbli." Ir-rapport jirrakkomanda reviżjoni tat-tfassil u l-applikazzjoni tal-istrumenti u l-politiki tal-UE li għandhom effett dirett jew indirett fuq is-swieq nazzjonali tal-akkomodazzjoni, u t-twaqqif ta' Task Forsi dwar l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni.

Biex tkompli tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, Letta jipproponi li jitnaqqsu l-ostakli billi tiġi estiża s-sistema ta' rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifiki professjonali, tiġi rieżaminata l-ħtieġa u l-firxa tar-regolamentazzjoni professjonali, u jiġi ssimplifikat ir-rikonoxximent ta' kwalifiki akkadeimiċi u tingħata spinta lill-mobbiltà għat-tagħlim. Barra minn hekk, ir-rapport jappella għal koordinazzjoni mtejbja tas-sigurtà soċjali u aktar diġitalizzazzjoni, peress li d-diġitalizzazzjoni għandha potenzjal enormi biex tippromwovi mobbiltà ġusta u tissimplifika l-proċeduri. Għalhekk ir-rapport jipproponi li l-Istati Membri kollha jimplimentaw bis-sħiħ is-sistema ta' "Skambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali" (EESSI) u jinvolvu ruħhom f'attivitajiet pilota tal-ESSPASS dwar id-diġitalizzazzjoni ta' dokumenti portabbli, inkluż il-Karta Ewropea tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa.

Ir-rapport jipproponi wkoll li tiġi żgurata koerenza akbar fl-implimentazzjoni tad-Direttiva emendata tal-UE dwar l-Istazzjonar ta' Ħaddiema biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, biex isir progress lejn format elettroniku uniku għad-dikjarazzjonijiet tal-istazzjonar, u biex jiġi ċċarat il-qafas legali għall-istazzjonar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, fosthom dawk li jaħdmu permezz ta' aġenziji tax-xogħol temporanju jew li jiġu reklutati permezz ta' intermedjarji⁵. Letta jitlob ukoll li l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol tissaħħaħ billi jiġu approvati r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-Presidenza Belġjana "Mobbiltà ġusta fl-UE u r-rwol tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol"⁶. B'mod aktar ġenerali, Letta jirrakkomanda r-regolamentazzjoni tal-prattiki ta' sottokuntrattar biex jiġi evitat l-isfruttament u biex tiġi żgurata konformità mal-istandards tax-xogħol u tas-sikurezza.

Fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, ir-rapport jappella għal regoli aktar vinkolanti dwar is-saħħa mentali, inkluż l-istress u l-eżawriment, u r-riskji assoċjati mat-tibdil fil-klima, abbażi tal-linji gwida tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)⁷. Jirrakkomanda li tingħata prijorità lill-ġbir ta' statistika dettaljata, partikolarment dwar il-frekwenza u s-severità ta' inċidenti li jinvolvu ħaddiema stazzjonati u mobbli, sabiex jitfasslu politiki ta' sikurezza bbażati fuq l-evidenza. Jappella wkoll għall-introduzzjoni ta' linji gwida dwar l-akkwist li jagħmluha possibbli li tingħata prijorità lil kuntratturi li jikkonformaw mal-istandards tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u li jkunu konformi mal-klawżoli ta' responsabbiltà soċjali.

⁵ F'konformità mal-paragrafu 20 tad-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe.

⁶ https://werk.belgie.be/sites/default/files/content/news/report_ela_eu2024be_0.pdf.

⁷ F'konformità mal-paragrafu 24 tad-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe.

B'mod aktar ġenerali, ir-rapport jipproponi t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-saħħa, inkluż permezz ta' leġislazzjoni simplifikata dwar il-provi kliniċi. Jirrimarka wkoll li t-tixjiħ tal-popolazzjoni u l-issikkar fiskali jippreżentaw sfidi konsiderevoli għas-sistema tal-kura tas-saħħa tal-UE, għax iħallu impatt kemm fuq in-naħa tal-provvista kif ukoll fuq in-naħa tad-domanda tas-servizzi tal-kura tas-saħħa. Ir-rapport jippreżenta l-ħtieġa għal aktar faċilitajiet ta' kura fit-tul, servizzi ta' kura fid-djar, u professjonisti speċjalizzati fil-kura tas-saħħa mħarrġa biex jitrattaw il-ħtiġijiet uniċi ta' pazjenti anzjani.

F'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Val Duchesse⁸, ir-rapport jagħraf r-rwol fundamentali tad-djalogu soċjali fl-arkitettura tal-UE u jappella għal traspożizzjoni ambizzjuża tad-Direttiva dwar il-Pagi Minimi, u biex ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-UE u l-Patt futur għad-Djalogu Soċjali Ewropew jiġu inkorporati fil-prattika nazzjonali. Jinnota wkoll li r-regoli li jirregolaw is-Suq Uniku għandhom iħallu lok għal strutturi ta' negozjar kollettiv u ta' rappreżentanti lokali.

Ir-rapport jirrakkomanda wkoll li jinħolqu l-kundizzjonijiet it-tajba biex l-atturi tal-ekonomija soċjali joperaw fis-Suq Uniku billi jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għall-finanzjament⁹. Jipproponi li r-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija għall-għajnuna mill-Istat jiġi adattat għall-intrapriżi soċjali, billi jiġu vvalutati mill-ġdid ir-regoli dwar l-għajnuna għar-reklutaġġ ta' ħaddiema żvantaġġati, u li jiġi permess l-użu strateġiku tal-akkwist pubbliku biex jappoġġa l-ekonomija soċjali.

Enrico Letta jappella wkoll għal investiment kostanti u approċċ strutturat għas-servizzi ta' interess ġenerali biex jiġi ggarantit li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħhom, u jipproponi li jinholq Pjan ta' Azzjoni għal Servizzi ta' Interess Ġenerali ta' kwalità għolja¹⁰. L-importanza ta' dawn is-servizzi m'għandhiex tiġi sottovalutata: fuq il-bażi tal-metodoloġija użata fi studju preċedenti ta' Cambridge Econometrics¹¹, l-Uffiċċju Federali tal-Ippjanar Belġjan¹² stima li s-Servizzi ta' Interess Ġenerali fl-UE jirrappreżentaw 28.4 % tal-valur miżjud totali (EUR 3721 biljun), 31.1 % tal-impjiegi totali (65.2 miljun ħaddiem) u 19.7 % tal-investiment totali (EUR 632.6 biljun).

⁸ Tripartite Declaration for a Thriving European Social Dialogue:
<https://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=27309&langId=en>.

⁹ Ara wkoll il-paragrafu 23 tad-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe.

¹⁰ Ara wkoll il-paragrafu 31 tad-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe.

¹¹ Mapping evolutions in Public Services in Europe: towards increased knowledge of industrial relations (Mejju 2013).

¹² Statistical update on Services of General Interest (SGIs):
https://www.plan.be/uploaded/documents/202405230930470.REPORT_update_statistics_SGIs_13006.pdf.

Elementi ta' governanza

Ir-rapport fih ukoll ħafna rakkomandazzjonijiet orjentati lejn il-governanza li huma rilevanti ħafna għal dawk li jfasslu l-politika fil-qasam tal-impjiegi u dak soċjali. Jinnota li jeħtieġ li jiġu żviluppati spazji Ewropej tad-data f'setturi ewlenin biex jiġu promossi l-kondiviżjoni u l-użu tad-data għall-benefiċċju tal-ekonomija u tas-soċjetà. Jappella biex iċ-ċibersigurtà tissaħħaħ permezz ta' regolamenti, standards u prattiki li jipproteġu l-infrastruttura kritika u d-data taċ-ċittadini. Għalkemm ma hemm l-ebda referenza diretta għall-qasam soċjali (b'kuntrast mal-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa), din is-sejħa hija konformi ħafna mal-konklużjonijiet proposti dwar ir-rwol tas-suq tax-xogħol, il-ħiliet u r-riformi u l-investimenti soċjali għal ekonomiji reżiljenti, li jikkellmu dwar it-titjib tal-aċċess għad-data amministrattiva għal skopijiet ta' evalwazzjoni tal-politika u valutazzjoni tal-impatt filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-data personali.

Biex ikompli jittejjeb it-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza u jitrawmu amministrazzjonijiet pubbliċi effiċjenti, ir-rapport ta' Letta jipproponi t-tisħiħ tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, li jipprovdi għarfien espert imfassal apposta biex jappoġġa r-riforma u l-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-livelli kollha, u jippermettilhom jimplimentaw aħjar il-leġiżlazzjoni tal-UE u l-prijoritajiet tal-UE. Ir-rapport jissuġġerixxi l-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-ġestjoni fi ħdan l-amministrazzjonijiet pubbliċi biex jadattaw b'mod effettiv għat-tranżizzjonij diġitali u dik ekoloġika, u jipproponi faċilità ġdida – Patt li jsaħħaħ il-kooperazzjoni u l-għarfien espert tal-amministrazzjonijiet Ewropej (PEACE) – biex l-amministrazzjonijiet pubbliċi jkunu jistgħu jindirizzaw aħjar xokkijiet futuri. Għalkemm mhux innotat fir-rapport, jidher li l-kooperazzjoni stabbilita sew fi ħdan in-Network Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (Network tal-PES) tista' sservi bħala sors ta' ispirazzjoni f'dan ir-rigward. Biex titrawwem kooperazzjoni transfruntiera bejn l-amministrazzjonijiet, Letta jipproponi wkoll li s-SOLVIT jingħata bażi legali tal-UE u li jiġu żgurati stabbiltà operattiva u proċeduri uniformi.

Fid-dawl tat-tkabbir li jmiss tal-Unjoni, ir-rapport ta' Enrico Letta jipproponi li l-pajjiżi kandidati jitħallew igawdu benefiċċji tas-Suq Uniku f'oqsma fejn jistgħu jkunu lesti malajr biex jissodisfaw l-*acquis*, filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà kemm tal-ekonomiji tagħhom kif ukoll tas-Suq Uniku u tiġi enfasizzata l-importanza tal-integrazzjoni politika bbażata fuq valuri komuni. Jipproponi wkoll li l-pajjiżi kandidati jiġu meġġuna jiżviluppaw il-kapaċità amministrattiva u istituzzjonali biex jassorbu u jużaw bl-aħjar mod il-fondi tal-UE, u jappella biex il-pajjiżi kandidati jiġu integrati gradwalment fl-istrutturi tal-UE sabiex jitrawmu konnessjonijiet aktar b'saħħithom bejniethom u l-Istati Membri, jiġu meġġuna jħossuhom apprezzati, u jitrawwem sens ta' komunità komuni tal-UE. Fl-aħħar nett, Letta jirrakkomanda t-tfassil ta' sistema b'saħħitha ta' klawżoli ta' salvagwardja, perjodi ta' tranżizzjoni u għodod oħra sabiex jiġu evitati u jittaffew l-effetti negattivi potenzjali tal-integrazzjoni tas-Suq Uniku għaż-żewġ naħat. Dan għandu rilevanza ċara għall-qasam tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali, fejn għandhom jinsiltu tagħlimiet mill-esperjenzi ta' tkabbir preċedenti.

F'dan il-kuntest, il-Ministri mistiedna jindirizzaw il-mistoqsijiet li ġejjin:

- 1. Kif tivvaluta l-proposti tar-rapport ta' Letta marbuta mal-impjiegi, il-ħiliet u l-politiki soċjali, u mal-governanza tagħhom?*
- 2. Liema mir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport għandhom jiġu indirizzati bħala kwistjoni ta' prijetà? Liema elementi oħra li jappartjenu għall-aġenda tal-impjiegi, soċjali u tal-ugwaljanza tqis li huma l-aktar rilevanti minn perspettiva ta' Suq Uniku sostenibbli u inklużiv?*